# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Edwina Grima LL.D

Appell Nru. 46/2017

Seduta tat-03 ta' Mejju 2019

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nicholas Vella)**

**vs**

**Zachary Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Zachary Vella, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 302193(M) akkużat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer, bejn il-lejl tal-31 ta' Diċembru, 2012 u l-1 ta' Jannar, 2013 ġewwa l-Wardija, limiti ta' San Pawl il-Baħar;

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna feriti gravi fuq il-persuna ta' **Rhys Ellul Sullivan** hekk kif iċċertifkat mid-dentist **Dr. Christian Satariano**.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-26 ta' Jannar, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 214 u 216 (1) (a) (ii), (iii), (b) u (d) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imsemmi imputat Zachary Vella ħati tal-akkużi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu għall-piena ta' disa' xhur priġunerija sospiżi għal tlitt snin ai termini tal-Art. 28A tal-Kap 9. Ordnat lill-imputat iħallas is-somma ta' €3,670 lil Rhys Ellul

Sullivan fii żmien sitt xhur, ai termini tal-Atikolu 28H tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Zachary Vella, ppreżentat fit-2 ta' Frar, 2017, fejn talab lil din il-Qorti tilqa' dan l-appell billi:

1. **Tirrevoka u tħassar** s-sentenza appellata fejn sabet lill-esponent ħati tal-imputazzjonijiet kollha fil-konfront tiegħu u minflok tiddikjarah mhux ħati tal-imputazzjonijiet dedotti u tilliberaħ kompletament skont il-liġi.

2. **Alternattivament**, u mingħajr preġudizju, f'dan il-każ li dan l-appell ma jintlaqax, jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tiġi imposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat l-aggravji tal-appellant li fil-qosor huma s-segwenti:

Il-prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-ligi ghar-reati addebitati lill-appellant u l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm 'il boghod mill-piz tal-prova rikjest mill-ligi u cioe' dak fi grad ta' certezza morali minaghjr dubbju dettat mir-raguni. resqitx biżżejjed provi sabiex jippruvaw l-akkuża miġjuba kontra l-appellant u dan sal-grad rikjest. Kienu biss il-parte civile, Ryan Ellul u x-xhieda imressqa mill-prosekuzzjoni li kienu fuq il-post dakinhar tal-inċident ghad-differenza tax-xhieda mressqa mill-bank tad-difiża fejn kien hemm diversi xhieda preżenti u li raw b'għajnejhom dak li kien qed jiġri. In oltre x-xiehda tal-prosekuzzjoni hija pjuttost konfuża a differenza tax-xhieda in difeża li jikkoroboraw lil xulxin u kwindi l-verżjoni in difeża hija aktar kredibbli.

Fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju huwa ċar miċ-ċirkostanzi li l-appellant kien qed jaġixxi sabiex jiddefendi lilu nnifsu, apparti li kien maħkum minn biża, twerwir u ħasda fejn allura m'għandux jingħata piena.

Fit-tielet lok, li titlef sinna mhijiex meqjusa bħala sfreġju skont ġurisprudenza nostrana u b'hekk ma seta qatt jinstab ħati skont l-artikolu 216(1)(b).

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni

tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji li iqanqal l-appellant huma marbuta interament mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta jikkontendi illi l-provi kopjuzi imressqa mill-bank tad-difiza kienu aktar kredibbli u verosimili mill-provi fjakki li tressaq il-Prosekuzzjoni konsistenti biss fix-xiehda tal-parti leza, ta' certu Ryan Ellul u tal-ufficjali tal-pulizija involuti fl-investigazzjonijiet. Fil-fehma tieghu minn dawn il-provi l-Ewwel Qorti kellha tghaddi biex tilqa' l-iskriminanti tal-legittima difiza, imqanqla minnu.

Illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha.[1].

In oltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti[2].

Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 li tistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, 'id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ...'[3] .

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs. Joseph Thorne[4]:

> **'..mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skont il- kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.**

Illi din il-Qorti ghalhekk ezaminat l-atti mill-gdid minn fejn johorgu żewġ verżjonijiet opposti ghal xulxin dwar dak li allegatament seħħ f'Lejliet l-Ewwel tas-Sena 2012/2013. Skont il-verzjoni tal-allegat vittma, li kien jinsab gewwa Castello Dei Baroni jiċċelebra lejliet l-ewwel tas-sena flimkien ma sħabu fil-ħinijiet bikrin ta' filgħodu, jirrizulta illi filwaqt li kien qiegħed fil-kamra tal-banju tal-imsemmi stabbiliment, huwa sema' ħafna għajjat u storbju u tisbit mal-bibien tat-*toilets*. Kif ħareġ sab ruħu rinfaċċjat bi tlett individwi li bdew joffenduħ u jgħajjruh fosthom l-appellant Vella. Skont il-vittma hu mbotta

---

[2] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata s-6.11.2002; Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16.3.2001; Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9.11.2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24.9.2004.

[3] Ara is-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs. Joseph Bartolo deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 1999 ippreseduta mill-imhallef Vincent Degaetano.

[4] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono.

wieħed minnhom u l-appellant irritalja minnufih billi aggrediħ u xejjirlu daqqa ta' ponn ġo wiċċu fejn waqqghu mal-art bid-daqqa. Konsegwenza ta' din id-daqqa hu tilef is-sinna ta' quddiem filwaqt li sinna oħra kienet qed tweġġħu u ddendlet minn postha. Irriżulta wkoll meta ġie eżaminat medikament li kellu frattura fl-għadam tal-ħalq u li kien ser ikollu jissottometti ruhu għal diversi interventi sabiex isir tentattiv biex tigi salvata s-sinna. Madankollu maż-żmien matul il-mori tal-kawża stess din is-sinna waqghet u intilfet.

Mill-banda l-oħra l-appellant u sħabu, li kienu miegħu dak in-nhar tas-sinistru ġewwa Castello Dei Baroni jikkontendu illi filwaqt li kienu fil-bitħa prinċipali ta' din is-sala innutaw li kien hemm persuna, li huma jidentifikaw bħala l-parte ċivile, li deher li kien fis-sakra u li beda jgħajjat u jidgħi fil-konfront ta' xi persuni oħra. F'mument minnhom kien jidher li l-parte ċivile ser jaqbad jiġġieled u fil-pront intervjena ċertu Daniel Pace li allegatament avviċina lill-Rhys Ellul Sullivan sabiex jikkalmaħ. Madankollu skont l-appellant il-parti leża dar għal fuq dan Pace u aggrediħ b'daqqiet ta' ponn u bis-sieq u finalment imbuttaħ għal fuq *cactus* li kienet fil-vicin. Kien hawnhekk li intervjena l-appellant li mar biex iwaqqaf lil Ellul Sullivan minn din l-agressjoni iżda l-vittma allegatament offendieħ u heddu u kien ser iħebb għaliħ b' daqqiet ta' ponn. L-appellant irritalja billi taħ daqqa ta' ponn qabel lahaq intlaqghat mill-parti leza u tefgħu mal-art. Skont l-appellant il-parte ċivile reġa qam għaliħ u ghalhekk imbottaħ u telaq minn fuq il-post.

Illi esposti il-verzjonijiet kontrastanti migjuba' il quddiem miz-zewg partijiet involuti f'dan is-sinistru, jirrizulta illi l-Ewwel Qorti tat affidament lill-verzjoni moghtija mill-parti leza u kwindi abbraccjat dik il-verzjoni tal-fatti migjuba 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Wara li din il-Qorti fliet u rat l-atti kollha processwali tistqarr minnufih illi ma tista' ssib l-ebda mottiv li jista' jgieghelha titbieghed mill-fehma tal-Ewwel Qorti.

Jibda biex jingħad illi m'hemm l-ebda dubbju illi l-vittma sofra daqqa ta' ponn minn taht idejn l-appellant u m'hemm l-ebda dubbju lanqas li din id-daqqa

ikkaġunat ħsara konsiderevoli li wasslet sabiex il-parti leża kellha tissottoponi ruħha għal diversi interventi kirurgici li wasslu wkoll sabiex Ellul Sullivan tilef tnejn mis-snien ta' quddiem li eventwalment gew sostitwiti b'*implants*.

Issa fl-aggravju minnu intentat marbut mal-apprezzament tal-provi, l-appellant isostni illi it-tezi ipprospettata minnu hija korroborata minn shabu kollha ghad-diferenza ta' dik migjuba 'il quddiem mill-parti leza u il-habib tieghu Ryan Ellul. Dan madanakollu ma ghandux ifisser illi l-Ewwel Qorti kellha awtomatikament tiskarta l-verzjoni tal-parti leza u dan kif mahsub fil-ligi stess fl-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali surriferit. Mhux biss izda din il-Qorti hija tal-fehma illi l-verzjonijiet moghtija mill-appellant u minn shabu fiha diversi inkonsistenzi. Fl-ewwel lok għalkemm id-difiza tikkontendi illi l-vittma kien jidher fis-sakra u aggredixxa lil certu Daniel Pace, madanakollu ma tressqux provi suffiċjenti dwar l-allegat ġrieħi sofferti minnu apparti li Pace jidher li fittex l-kura biss l-għada tal-ewwel tas-sena u li allegatament ittieħdulu xi *X-rays* ta' idejħ. Madankollu ma ingiebet l-ebda prova dwar x'seta' kkaġuna dawn il-ġrieħi Mhux biss izda ghalkemm dan Pace ighid illi l-parti leza beda ighajjat u jghid kliem ta' tghajjir madanakollu skont Pace dawn ma kenux indirizzati lejh iżda lejn grupp ta' nies li lanqas biss kienu qedgħin jagħtu każ lill-istess parti leża u kwindi din il-Qorti ma tista' issib l-ebda mottiv gustifikabbli li seta' wassal lil dan Pace iħoss il-ħtieġa li jindaħal sabiex irazzan lill-parti leza meta certament fl-istabbiliment jkun hemm nies adetti sabiex izommu il-bwon ordni. In oltre l-istess xhud lanqas kien f'posizzjoni jikkonferma o meno l-aggressjoni li sehhet fil-konfront tal-parti leza billi jikkontendi illi huwa kien mitluf minn sensieħ għal ftit minuti u ma kienx l-appellant u sħabu li tawħ l-assistenza iżda persuna oħra. Kwindi dan ix-xhud ma jista' jitfa l-ebda dawl fuq dak li ippreceda l-agressjoni subita mill-vittma.

In oltre il-bqija tax-xhieda prodotti mill-appellant ma kenux cari dwar id-diskors li gie indirizzat bejn l-appellant u l-parti leża qabel l-aggressjoni subita mill-vittma, liema diskors jidher li gie skambjat f'atmosfera storbjuza u mizghuda bin-nies li kwindi iqajjem dubbju serju dwar kemm seta' kien ċar id-diskors li sar

għal widnejn dawn ix-xhieda, li kif tistqarr l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha jipprezentaw verzjoni identika dwar dak li sehh. Ironikament ukoll, ghalkemm allegatament jidher illi l-appellant erhilha lejn il-parti leza sabiex jiddefendi lil Daniel Pace mill-agressjoni subita minnu minn taht idejn Ellul Sullivan, jidher madanakollu li la l-appellant u lanqas shabu li xehdu f'dawn il-proceduri ma nteressaw rwieħom fil-kundizzjoni ta' Pace, kemm immedjatament wara li ġie aggredit jew f'xi ġranet wara l-inċident. Anzi jidher li l-appellant telaq jiġri minn fuq il-post malli xejjer id-daqqa ta' ponn li kkaġunat il-ġrieħi sofferti mill-vittma. Huwa kemmxejn stramb ukoll l-fatt li ħadd mix-xhieda in difeża, inkluż l-appellant, ma raw dmija f'wiċċ il-parti leża ghalkemm jidher illi l-griehi fil-parti tal-halq kienu konsiderevoli bi hsara ikkagjonata fis-snien ta' quddiem. Illi allura huwa kemmxejn inverosimili dak li jikkontendi l-appellant illi Ellul Sullivan reġa qam għalih wara li sofra d-daqqa minn taht idejh.

Din il-Qorti hija tal-fehma li d-daqqa li laqqat il-vittma u ċ-ċirkostanzi li wasslu allura ghat-telf ta' sinna immedjatament u oħra li ġiet imċaqalqa minn postha indubbjament iwasslu għal telf konsiderevoli ta' demm, liema dmija kellha tkun viżibbli jekk il-parti leża reġa qam minn mal-art sabiex jerġa jħebb għall-appellant skont kif jallega hu. Illi maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet kwindi din il-Qorti tqies illi l-Ewwel Qorti qabilha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha u cioe' li tabbraccja l-verzjoni tal-parti leza sabiex b'hekk l-ewwel aggravju qed jigi michud.

Ikkunsidrat,

L-appellant ukoll jikkontendi illi huwa kellu jiddefendi ruhu mill-agressjoni ingusta subita mill-parti leza li iggib l-impunita' u dan fit-termini tal-artikoli 223 u 224 tal-Kodiċi Kriminali.

Issa:

> **'biex tirnexxi difiza li hija legittima, tali difisa trid tirrizulta, ghalinqas fuq bazi ta' probabilita', li l-appellant kellu xi bzonn attwali li jiddefendi**

**ruhu minn xi perikolu ingust, gravi u inevitabbli u/jew li kien soggett ghal xi provokazzjoni li f'persuna ta' temperament ordinarju, komunement iggib l-effett li ma jkunx kapaci jqis il-konsegwenzi tad-delitt u li kienet twassal biex hu jirrejagixxi kif irrejagixxa. Dan kollu johrog mill-provi quddiem il-Qorti li ghandha tevaluta l-portata taghhom specjalment meta jkun hemm versjonijiet konfliggenti'.**[5]

Illi skont il-mibki Professur Sir Anthony Mamo sabiex din id-difiża tkun tista' tiġi ravviżata huwa essenzjali li l-periklu attwali jkun wieħed kontra l-liġi (unjust), gravi u inevitabbli, u dan apparti l-proporzjonalita' rikjesta tar-ritaljazzjoni mill-attakk fuq il-persuna li tkun qed tiddefendi ruħha. Għal dak li jirrigwarda l-gravita', Mamo jikkjarifika li din tissusisti meta:

***'the act of defence must have been done only in order to avoid consequences which, if they had followed, would have inflicted upon the person 'irreparable' evil; and the law considers as 'irreparable' and consequently grave, the evil which threatens the life, the limbs, the body or the chastity of an individual'.***

Kwindi huwa evidenti li sabiex l-att difensjonali jkun ġustifikat għal dak li jirrigwarda dan l-element, din trid tkun ta' ċertu portata u ta' daqstant periklu. In oltre l-azzjoni kontra min qed jiddefendi lilu nnifsu trid tkun tammonta għal reat vjolenti jew li jseħħ f'tali ċirkostanzi li jqajjmu biża raġjonevoli tal-periklu tal-ħajja jew sigurta' personali ta' dak li jkun jew ħaddieħor.

Illi fir-rigward tal-inevitabbilta' Mamo jispjega dan l-element b'mod ċar billi jgħid illi l-akkużat irid jipprova illi '*the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided*' u li kwindi tissusisti jekk il-periklu in kwistjoni jkun immedjat (sudden), attwali u assolut. Għal dak li jirrigwarda l-attwalita', Mamo jgħid illi '*if it (il-periklu) had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence*', filwaqt li rigward l-assolut jgħid illi l-periklu jrid ikun tali illi fil-mument tagħha *'it could not be averted by other means'*.

In oltre fis-sentenza fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs Dominic Briffa il-Qorti stqarret ukoll illi:

**'l-mod kif il-kwistjoni ta' l-inevitabilita' tal-perikolu jew minaċċja għandha tiġi affrontata hu li wieħed jistaqsi: l-aġent (ossia l-aggredit) seta', tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, raġġonevolment jevita' dak il-perikolu jew dik il-minaċċja? Jekk il-buon sens jiddetta li l-aġent seta', billi jagħmel**

[5] Pulizija vs Anthony Micallef deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono u deċiża nhar it-30 ta' April 2009.

**manuvra jew pass f'direzzjoni jew oħra, jew anki billi sempliċiment ma jiċċaqlaqx, faċilment jevita l-periklu jew minaċċja li kien qed jara fil-konfront tiegħu, allura jekk ma jagħmilx hekk jiġi nieqes l-element tal-inevitabbilta' tal-periklu jew minaċċja. Jekk pero mill-banda l-oħra tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, il-buon sens jiddetta li l-aġent ma kellu jagħmel xejn minn dan, jew, anzi, kellu jibqa' għaddej fit-triq li twasslu aktar qrib dak il-perikolu jew dik il-minaċċja, allura b'daqshekk ma jiġix nieqes l-element ta' l-inevitabilita'.[6]**

Illi huwa mportanti li, sabiex jiġi determinat jekk din id-difiża tissusistix minn min irid jiġġudika dwar il-fatti, irid jiġi applikat it-test soġġettiv.

Illi abbraccjata it-tezi prospettata mill-parti leza u abbinata mal-gurisprudenza hawn fuq iccitata li tfassal l-elementi legali mehtiega sabiex tissussisti l-iskriminanti tal-legittima difeza, din il-Qorti tqies illi l-Ewwel Qorti kienet korretta legalment meta skartat din id-difiża. Dan ghaliex skont it-tezi tal-Prosekuzzjoni kien l-appellant u shabu li kienu qed jagixxu b'mod provokatorju fil-konfront tal-vittma u dan meta filwaqt li hu kien qiegħed fil-kamra tal-banju sema ħafna taħbit u storbju, ħareġ barra u sab ruħu rinfaċċjat minn xi persuni, fosthom l-appellant, li kienu qedgħin joffenduħ u jgħajjruħ. Fiċ-ċirkostanzi, l-parti leża mbottat wieħed minnhom, mhux indikat minnu bħala l-appellant, f'liema mument l-appellant iddeċieda illi jagħti daqqa ta' ponn lill-vittma, wara liema daqqa, l-appellant u sħabu telqu minn fuq il-post. A bażi ta' din il-verżjoni m'hemm l-ebda dubbju li l-elementi essenzjali sabiex tirnexxi l-leġittima difiża ma jirriżultawx. Jibda biex jingħad illi l-aggressjoni bdiet mill-appellant u sħabu u li l-vittma m'għamel assolutament xejn da parti tiegħu sabiex 'jistieden' dik id-daqqa. In oltre, anki jekk għall-grazzja tal-argument, din il-Qorti kellha tabbraccja il-verżjoni tal-fatti kif rakkontati mill-appellant, xorta il-kriterji neċessarji sabiex tirrizulta l-leġittima difiża ma jissussistux. Dejjem a bażi tat-teżi tal-appellant, il-parti leża ma kienx qed jaggredixxi lilu u m'għamel l-ebda att vjolenti fil-konfront tiegħu għajr li kellmu ħażin u allegatament offendieħ u heddu. Jekk l-appellant iddeċieda minn jeddu li 'jindaħal' fil-ġlieda li kien hemm sabiex jipprova jikkalma l-ilmijiet u dan peress illi skont dak li qal dehrlu li l-parti leża kien ser jerġa jagredixxi lil Daniel Pace li kien mal-art u ma setax

[6] Deċiża mill-Qorti tal-Appelle (Sede Inferjuri), ppresduta mill-Imħallfin Vincent Degaetano, Joseph A. Filletti u David Scicluna u deċiża fis-16 ta' Ottubru 2003.

iqum, hu poġġa lilu nnifsu f'dik is-sitwazzjoni ta' periklu minflok fittex għall-ghajnuna minn nies mħarġin u inkarigati fl-istabbiliment sabiex izommu l-bwon ordni. Kwindi indubbjament l-element tal-inevitabbilita' huwa ghal kollox nieqes, bl-azzjoni tal-appellant allura tkun wahda mhux mehtiega biex tevita xi periklu li kien gej ghalih u mhux biss izda kienet ukoll sproporzjonata ghall-agir tal-vittma fil-konfront tieghu li skont il-verzjoni tal-appellant kien sa dak il-mument konfront verbali biss. Illi allura fil-fehma ta' din il-Qorti t-teżi tal-leġittima difiża ma tapplikax għall-każ in eżami u kwindi anki t-tieni aggravju qed jigi rigettat.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi fl-ahhar aggravju innu intentat l-appellant jikkontendi illi l-griehi sofferti mill-appellant ma jaqghux taħt id-dettami tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali billi s-snien ma jiffurmawx parti mill-wiċċ u ma jwasslux għall-elementi tal-isfreġju skont kif rikjest mill-liġi.

L-appellant jigi mixli u misjub ħati tar-reat tal-offiza gravi kif mahsub fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali:

> **216. (1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn tlett xhur sa tlett snin –**
>
> **(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;**

Illi:

> **Skont l-artikolu 216 (1)(b) tal-Kodici Kriminali, l-offiza fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi ohra, ggib sfregju fil-wicc. Il-ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari; sfregju fil-wicc (jew fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfregju hi rilevanti biss meta abbinata mal-gravita, tahti lok ghal hekk imsejjha "offiza gravvissima" skont l-artikolu 218 (1) (b) tal-Kodici kriminali.[7]**

[7] Pulizija vs Fortunato Sultana deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) mill-Imħallef

Dan l-isfregju jikkonsisti f':

> **B'mankament fil-wicc il-ligi qed tirreferi ghall-kull deterjorament ta' l-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto notevole o complessivo o per l'entita' della alteranzione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto". Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fil-regolarita' tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc. Skont gurisprudenza ormai pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin". Skolorament tal-gilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc. Is-snien mhumiex parti mill-wicc, ghalkemm it-telf ta' hafna snien jistghu jgibu kemm sfregju kif ukoll mankament minhabba l-effett li jistghu ihallu fuq il-wicc u specjalment fir-regjun tal-halq. Pero' la t-tul ta' l-infermita' u lanqas il-permanenza o meno taghha m'huma relevanti ghall-finijiet tas-subartikolu 216 (1) (b).**[8]

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-parti leża mhux sempliċiment tilef żewġ sinniet ta' quddiem iżda sofra wkoll frattura fl-għadam ta' ħalqu li filfatt ikkaġuna l-ispostament ta' waħda mis-snien li eventwalment tilef.

Irriżulta mix-xhieda tad-dentist Chistopher Satariano kif ukoll mill-espert maħtur mill-Ewwel Qorti Dr. Pasqual Demajo illi apparti li ntilfu dawn is-snien irriżultat frattura fl-għadma tal-ħalq tal-parti leża li mix-xhieda prodotta ħadet iż-żmien sabiex taqleb ghall-aħjar. Wkoll kif ġie kkonfermat minn dan l-espert, dawn il-ġrieħi kienu kompatibbli mal-offiza sofferta f'dan l-incident u ma kien hemm l-ebda inċident ieħor li fiħ seta' kien involut il-vittma qabel dan il-każ li seta' ikkontribwixxa għad-deterjorazzjoni tal-ferita in kwistjoni.[9] In oltre l-provi riskontrati kollha jikkonfermaw wkoll li l-vittma kellu diffikulta sabiex jiekol minħabba l-kundizzjoni tiegħu apparti effetti ohra psikoloġici.

---

Vincent Degaetano nhar il-5 ta' Frar 1998.

[8] Pulizija vs Paul Spagnol deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) mill-Imħallef Vincent Degaetano nhar it-12 ta' Settembru 1996.

[9] Ara folio 18 u 37 rispettivament konċernanti d-deposizzjoni tax-xhieda tad-dentist Chritopher satariano rilaxxati nhar l-4.4.13 u 27.6.13 rispettivament. Ara wkoll folio 217 et seq tal-atti proċesswali għal dak li jirrigwarda x-xhieda u r-rapport tal-espert maħtur Dr. Pasqual Demajo.

Dan fil-fehma ta' din il-Qorti u fid-dawl ta' ġurisprudenza hawn fuq iccitata iwassal għal mankament fil-wicc, liema mankament jaqa' sewwasew fil-parametri tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali u konsegwentement is-sejbien ta' ħtija a bażi ta' din id-disposizzjoni tal-ligi hija waħda legalment u raġjonevolment korretta u ser tiġi kkonfermata mill-ġdid minn din il-Qorti.

Għal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata fl-intier taghha.

(ft) Imhallef

Vra Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur